MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2012

Numru. 1232/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSALLO**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**KONTRA**

**DONALD CAMILLERI ta’ 33 sena, iben George u Elizabeth nee’ Pace, imwieled San Giljan nhar it-12 ta’ Novembru, 1978, residenti fil-fond Regeant, Triq il-Mullett, Qawra, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 137179M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Donald Camilleri** li gie akkuzat talli:

1. Fit-18 ta' Novembru, 2006, u fil-gimghat ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, fi stabbiliment f'San Pawl il-Bahar, zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor, jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali, bi ksur tal-Artikoli (1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet, u cirkostanzi, bhala l-persuna responsabbli minn hanut, allogg jew lukanda, jew appartament privat, halla jew ippermetta li dak il-hanut, allogg, lukanda jew appartament jew xi parti taghhom, jigu wzati bhala post ta' laqgha ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet, u cirkostanzi, bhal sid jew bhala l-persuna li kellu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dar jew fond iehor, li xjentement ta b'kiri jew ippermetta l-uzu taghhom ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra mmorali bi ksur tal-Artikolu 10 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, bhala operatur ta' attivitajiet turistici, halla l-post f'xi zmien jintuza ghal xi ghemil kontra l-Ligi jew il-moralita' pubblika, u dan bi ksur tal-A. L. 128/2002.

Rat li fl-interrogatorju wiegeb li ma kienx hati ta' l-akkuzi kif migjuba kontra tieghu, kif ukoll li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat ukoll il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghall-istess.

Semghet il-provi kollha, kif ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat:

Illi Dr Micheal Camilleri in rapprezentanza tal-Malta Tourism Authority xehed illi l-imputat Donald Camilleri ma

kellu ebda licenzji fuqu mahruga mill-imsemmija Awtorita'. Dawn ir-ricerki saru biss fil-konfront ta' l-imputat personali. Ma saru fuq ebda kumpanija b'mod partikolari bl-isem Secrets, vide dok MC folio 24.

Xehed Paul Aquilina li ta l-lista ta' l-impjegati li jahdmu mal-Palma Catering Limited, dawn huma Camilleri Donald, Camilleri Raymond u Ramon Ljiev, esebixxa dan id-dokument bhala Dok PA1. Esebixxa ukoll Dok PA2 li juri lista' ta' impjegati li jahdmu ma' RDVM.

Minn naha tieghu s-Supretendent Antonello Grech xehed li fit-tmintax ta' Novembru kien ghamel spezzjoni fil-club Secrets Night Club, kien akkumpanjat mill-Ispettur Romina Veneziani u pulizija ohra. Meta dahlu gol-lokal u nizlu t-tarag, sabu zeffiena li kienet liebsa underwear li kienet qed tizfen quddiem l-irgiel, cioe' r-ragel kien fuq sufan u hi kienet quddiemu fuq mejda zghira. Ra tfajla ohra li kienet bejn zewgt irgiel li kienet liebsa trasparenti u kien jidher l-underwear taghha, u ohra li kienet qieghda mall-bar. Waqqfuhom u hadulhom il-particulars. Stabbillixew illi r-responsabbli kien l-imputat Donald Camilleri.

Xehdet ukoll l-Ispettur Romina Veneziani li meta hi staqsiet wahda mit-tfajliet x'tip ta' attivita' kienet issir f'dan l-isatabbiliment, wegbitha, zfin biss - pole u lap dancing. Semmiet li apparti li rat tfajliet lebsin b'mod skars (hwejjeg ta' taht u tangas) jizfnu jew jitkellmu mal-klijenti, illi rat ukoll kmamar zghar, dahliet, li kienu jitghattew b'purtieri trasparenti.

Giet ezebita wkoll stqarrija mill-Ispettur Louise Calleja li ttiehdet lill-imputat – liema stqarrija pero kienet mehuda fit-18 ta' Novembru, 2008.

Rat ukoll illi fl-14 ta' Novembru, 2008, giet anke mizjuda l-akkuza, dan fir-rigward tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23.

Rat li hawn id-Difiza talbet li terga' tigi notifikata bl-akkuza kif mizjuda mill-gdid.

Xehdet ukoll Jennifer Debono (ETC) li pprezentat l-employment history ta’ l-imputat. Prezentat ukoll lista ta’ work permits ta’ persuni barranin mahruga lill-kumpanija RTVM Co. Ltd, Dok JD u Dok JD1.
Mistoqsija jekk fuq din il-lista kinux jidhru l-ismijiet ta’ Palinkas, Sarek, u Hadilova, wiegbet fl-affermattiv. Wiegbet fin-negattiv fil-konfront ta’ l-isem Mrozkova.
Ziedet pero li dawn it-tlieta minn nies imsemmija bhala mpjegati tas-socjeta’ RTVM, ghalkemm jidhru fuq il-lista, pero xehdet illi l-kumpanija ma nnotifikatx lill-ETC li kienu qeghdin jahdmu hemm. Qalet illi fis-sistema l-antika, ghalkemm l-employer kien jinforma lill-ETC li kellu nies jahdmu mieghu, pero kien jinhtieg jirregistrahom ukoll.

Fis-seduta tat-3 ta’ Marzu, 2010, id-Difiza vverbalizzat li l-imputat kien gie notifikat bl-akkuza kif korretta. Hawn ukoll id-Difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella’ l-provi diga’ migbura.

Regghet ittellghet tixhed l-Ex Spettur Romina Veneziani li qalet illi minhabba l-ismijiet strambi tat-tfajliet misjuba, kienet zammet lista ta’ isimhom, cioe’ Eva Palinka, Linda Saro, Yana Radislova, Yana Rostakova – tnejn Ungerizi u tnejn Ceki.

Il-Maggur Michael Demanuale, ukoll involut f’dan ir-raid, identifika lill-imputat bhala l-persuna li waqt ir-raid prezentat ruhha bhala r-responsabbli. Xehed illi kien osserva erba’ tfajliet - wahda tizfen mal-pole, ohra mal-bar isservi klijent, ohra bil-qieghda fuq sufan titkellem man-nies, u ohra tizfen. Spjega li kienu lebsin bra u tanga.

Ma ngabu ebda provi in difesa.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok id-Difiza tidher fit-trattazzjoni taghha li ressqet l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni in vista’ tal-fatt illi dawn l-akkuzi jirrisalu ghat-18 ta’ Novembru, 2006; u dwar l-akkuzi mizjuda ta’ l-impjieg, l-imputat gie notifikat bihom

oltre sentejn wara, u cioe' fit-3 ta' Marzu, 2010. Certament ghar-reati punibbli b'multa m'ghandha xejn hlief ragun.

Illi fit-tieni lok il-Prosekuzzjoni veru ressqet provi ta' sejbien fis-sit Secrets Night Club ta' tfajliet lebsin ilbies skars involuti f'lap u pole dancing. Tressqet xhieda wkoll li matul din it-tfittxija Donald Camilleri assuma r-responsabbilta' tal-fond.

Issa kif diga' ntqal giet ukoll prezentata l-istqarrija ta' l-istess imputat. Pero din l-istqarrija ma kinitx wahda mehuda taht l-emmendi l-godda, cioe' bid-dritt ta' assistenza legali, ghalhekk fid-dawl tac-cirkostanzi ftit jew xejn ghandha valur probatorju. Wisq anqas ghandha tali valur l-ammissjoni ta' assunzjoni ta' responsabbilta' ta' l-imputat fil-hin tat-tfittxija, mehuda lanqas bl-inqas caution moghtija.

Illi oltre dan, il-provi migjuba jwasslu biss sal-fatt illi certament l-imputat kien impjegat ma' La Palma Catering Ltd, kif ukoll illi s-socjeta' RTVM Co Ltd kellha diversi nies impjegati maghha. Pero din il-Qorti ma tistax issib ebda ness bejn l-akkuza u r-responsabbilta' kriminali li suppost tinkombi fuq l-imputat biex jigu pruvati dawn l-akkuzi. Ghaldaqstant, in vista' ta' dan il-Qorti qieghda tillibera lill-imsemmi **Donald Camilleri** mill-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------